MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-5 ta' Frar, 2014

Numru. 134/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**

**vs**

**WAYNE DELIA**
**AHMED ABDALLA YAKOUP**
**JASON MIFSUD**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputati **AHMED ABDALLA YAKOUP,** ta' 26 sena, iben il-mejjet Abdul u Alaia nee' Khaled, imwieled Palestina, fit-8 ta' Settembru 1987, u residenti Hal Far Open Centre (Hanger) u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 36224(A);

**JASON MIFSUD** ta' 38 sena, iben il-mejjet Carmelo u Carmen nee' Azzopardi, residenti 77, Triq Sant'Enriku,

Sliema u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 354774(M);

**WAYNE DELIA** ta' 28 sena mwieled il-Pieta nhar il-21 ta' Novembru, 1985, iben Martin u Mandy nee Warner, residenti Farmhouse A, Vjal Santa Lucia, Paola u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 574785(M);

gew imressqa quddiemha u akkuzati talli f'xi hinijiet bejn it-3 ta' Frar, 2014 u l-4 ta' Frar, 2014 minn Triq il-Karmelitani, Balluta:

1. Ikkomettew serq ta' Vann tal-ghamla Tata Suma bin-numru tar-registrazjoni GAL843 u ta' diversi ghoddod, liema serq huwa aggravat bil-hin, bix-xorta tal-haga misruqa, bil-mezz u bl-ammont li ma jeccedix is-somma ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta' Stefano Persiano, Neil Tabone u/jew persuni ohra;

2. Volontarjament ghamlu hsara, jew gharqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, meta ghamel hsarat fil-vann tal-ghamla Tata Suma bin-numru tar-registrazzjoni GAL843 ghad-dannu ta' Stefano Persiano, Neil Tabone u/jew persuni ohra, liema hsara komplessiva ma tiskorrix mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47);

3. Fl-istess hinijiet u data f'dawn il-gzejjer ikkomettew serq ta' diesel minn go diversi vetturi fosthom Ford Transit bin-numru ta' registrazzjoni LCS 518 u Land Rover Discovery bin-numru tar-registrazjoni HAO 584, liema serq huwa aggravat bil-hin, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-mezz ghad-detriment ta' Robert Sant, Carmel Bartolo u/jew persuni ohra;

4. Saru recidivi ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija lilhom mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

**U aktar lil WAYNE DELIA u lil AHMED ABDALLA YAKOUP akkuzati talli fix-xahar ta' Frar 2014 f'dawn il-Gzejjer:**

5. Naqsu milli jharsu xi wahda, w/jew iktar minn wahda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, mid-digrieti u li permezz taghhom huwa nghataw il-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li jiffirma gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' Rahal Gdid u l-Belt rispettivament, u/jew gewwa ghases ohra u li ma jikkommettux delitt iehor ta' natura volontarja.

Il-Qorti giet mitluba mill-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija, flimkien mal-piena applikabbli ghall-imsemmi reat, tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet tal-helsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-gdid ta' Wayne Delia u Abdalla Yakoup. Kif ukoll, li tordna li s-somma ta' depositu jew propjeta garanti ghal din is-somma, kif ukoll kull somma ta' flus ohra bhala garanzija personali, li gew imposti fuqhom sabiex jaghmlu tajjeb ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulata fl-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**U aktar lil JASON MIFSUD wahdu akkuzat talli:**

6. Ghamel delitt f'perjodu operattiv ta' sentenza sospiza mghotija nhar il-11 ta' Settembru 2012 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel.

**U aktar lil WAYNE DELIA wahdu akkuzat talli:**

7. Ghamel delitt f'perjodu operativ ta' sentenza sospiza mghotija nhar it-22 ta' Mejju 2013 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel;

8. Kiser il-provvediment tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta` Malta permezz ta` sentenza datata 5 ta` Lulju 2011 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel.

9. Kiser il-provediment ta` l-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta` Malta permezz ta` sentenza datata 9 ta` Ottubru 2013 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenza saret definittiva u ma tistghax tinbidel.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom tlett atti mill-estratt tat-twelid, tlett fedini penali, *personal details* ta' Ahmed Abdalla Yakoup, kunsens tal-Avukat Generali u tlett dikjarazzjonijiet tar-rifjut ghad-dritt tal-parir legali.

Semghet l-imputati Wayne Delia u Jason Mifsud jiddikjaraw li huma indigenti u ghalhekk il-Qorti nnominat lil Dr Cedric Mifsud sabiex jassisti lill-imputati Delia u Mifsud.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati kif registrata waqt is-seduta tal-hamsa (5) ta' Frar 2014 u dana fil-presenza tal-avukati taghhom u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibhom hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghhom mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputati b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba taghhom u taghthom zmien xieraq biex jekk riedu, setghu jergghu lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni taghhom giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tal-hamsa (5) ta' Frar 2014.

Semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li r-*res furtiva* giet rekuperata kollha.

Il-Qorti rat il-fedini penali tat-tliet imputati u rat illi t-tliet imputati diga' kisru difrejhom mal-ligi diversi drabi u ghalhekk jisthoqq illi jinghataw sentenza ta' prigunerija.

**Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' l-Artikoli 28A, 49, 50, 261(b)(c)(g), 278 (3), 289, 325 (c) u 575 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lill-imputati WAYNE DELIA, AHMED ABDALLA YAKOUP u JASON MIFSUD hatja tal-akkuzi**

**kif moghtija mill-Prosekuzzjoni fil-konfront taghhom u tikkundanna lil WAYNE DELIA sena prigunerija ghall-akkuzi odjerni pero' oltre dan tordna illi s-sentenza sospiza moghtija fil-konfront tieghu fit-22 ta' Mejju, 2013 fejn gie kkundannat erba' xhur prigunerija sospiza minn din il-Qorti diversament presjeduta tigi reza operattiva u b'hekk komplessivament ghandu jaghmel sittax-il xahar prigunerija effettivi u tikkundanna lill-imputat JASON MIFSUD sena prigunerija ghall-akkuzi odjerni pero' oltre dan tordna illi s-sentenza sospiza lilu fil-11 ta' Settembru, 2012 fejn gie kkundannat sentejn prigunerija sospiza minn din il-Qorti diversament presjeduta tigi resa wkoll operattiva u b'hekk ghandu jaghmel tliet snin prigunerija effettivi u tikkundanna lill-imputat AHMED ABDALLA YAKOUP ghal sena prigunerija komplessivament ghall-akkuzi odjerni.**

**Il-Qorti tiddikjara wkoll illi WAYNE DELIA kiser il-kondizzjoni mposta fuqu meta nghata l-liberta' provizorja permezz tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja moghtija lilu nhar it-23 ta' Jannar, 2013 u ghalhekk qieghda tordna r-ri-arrest tieghu u tordna illi kwalsiasi garanzija li huwa ta bhala garanzija personali tghaddi favur il-Gvern ta' Malta.**

**Il-Qorti tiddikjara wkoll illi AHMED ABDALLA YAKOUP kiser il-kondizzjoni mposta fuqu meta nghata l-liberta' provizorja permezz tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja moghtija lilu nhar l-4 ta' Dicembru, 2013 u ghalhekk qieghda tordna r-ri-arrest tieghu u tordna illi kwalsiasi garanzija li huwa ta bhala garanzija personali tghaddi favur il-Gvern ta' Malta.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------